**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

(2021/C 49/02)

L-Unjoni tibqa' impenjata għal approċċ multilaterali għas-soluzzjoni tat-tilwim internazzjonali, il-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli, u l-kooperazzjoni internazzjonali biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Unjoni tikkoopera fl-isforzi kollha li għandhom l-għan li jirriformaw il-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO li jista' jiżgura l-funzjonament effettiv tal-Korp tal-Appell tad-WTO.